MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2010

Numru. 487/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Arnaud)**

**vs**

**Alfred Bugeja ta' 53 sena, iben Costantino u Helen nee` Vidal imwieled il-Pieta` nhar it-03 ta' Dicembru 1957 u joqghod gewwa Block A, Flat 4, Triq il-ghajn, Valletta, detentur tal-karta tal-identita` numru 828557(m).**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Alfred Bugeja u cioe` talli b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu kisru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

Nhar l-14 ta' Marzu, 2009, ghall-habta ta' 18:00hrs, min gewwa garage bla numru fi Triq San Mikiel, Fgura,

flimkien ma persuna jew persuni ohra, ikkommetta serq ta’ vettura Ford Transit, bin-numru tar-registrazzjoni HAM128, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur, liema valur tal-haga misruqa huwa izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ghad-detriment ta’ Colin Grech u/jew persuna jew persuni ohra;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u/jew wara din id-data f’dawn il-gzejjer, flimkien ma persuna jew persuni ohra, ikkommetta serq minn vettura Ford Transit, bin-numru tar-registrazzjoni HAM128, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, liema valur tal-haga misruqa huwa izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centenzmu (€2,329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ghad-detriment ta’ Colin Grech u/jew persuna jew persuni ohra.

U aktar talli nhar is-07 ta’ Mejju, 2009, ghal habta ta’ 13:45hrs, minn gewwa Triq L. Casolani, Birkirkara, ikkommetta serq ta’ vettura Toyota Lite Ace, bin-numru tar-registrazzjoni JAF015, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur, liema valur tal-haga misruqa huwa izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan ghad-detriment ta’ Kevin Camilleri u/jew persuna jew persuni ohra.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u/jew wara din id-data f’dawn il-gzejjer, ikkommetta serq minn vettura Toyota Lite Ace, bin-numru tar-registrazzjoni JAF015, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur, liema valur tal-haga misruqa huwa izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u u bix-xorta tal-haga tal-haga misruqa u dan ghad-detriment ta’ Kevin Camilleri u/jew persuna jew persuni ohra.

U aktar talli fix-xhur ta’ Marzu u Mejju 2009, xejntement f’Malta laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, jew xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex ibiegh jew imexxi dawn l-oggetti.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-artikoli tal-ligi mibghuta mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tal-21 ta' Dicembru, 2009;

Semghet il-provi;

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-Qorti tghatu zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-provi prodotti u fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni maghmulha mill-imputat u l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija fl-investigazzjonijiet taghhom, izda ma tistax tinjora l-fedina penali tieghu.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(b)(c), 263(a), 264, 265 u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu u tikkundannh ghall-perjodu ta' sentejn prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------